servizz pubbliku

# Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika

## MIN AĦNA

L-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika (NSO) huwa d-diregħ eżekuttiv tal-Awtorità tal-Istatistika ta' Malta. Huwa responsabbli għall-ġbir, il-kumpilazzjoni, l-analiżi, u l-pubblikazzjoni ta' firxa wiesgħa ta' informazzjoni statistika u kwistjonijiet relatati. Dan ma jżommx dipartimenti jew istituzzjonijiet oħra tal-gvern milli jiġbru d-data statistika tagħhom għal skopijiet interni. L-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika twaqqaf f'Marzu 1947. L-istatistika uffiċjali, iżda, kienet ilha tinġabar u tiġi ppubblikata għal ħafna snin. Fl-1872, pubblikazzjoni uffiċjali bl-isem 'Malta Blue Book' tat ħarsa statistika ta' Malta u d-Dipendenzi tagħha mill-1863 sal-1872, li tkopri l-popolazzjoni, l-edukazzjoni, il-finanzi, u l-kummerċ fost l-oħrajn. Wieħed mill-ewwel volumi tal-'Blue Book of the Colony of Malta' kien ippubblikat fl-1851 u kien jinkludi astratt statistiku dwar il-popolazzjoni li joħroġ miċ-Ċensiment tal-1842. L-informazzjoni pprovduta lill-NSO hija ttrattata bħala kunfidenzjali. Din l-informazzjoni tintuża biss fil-kumpilazzjoni ta' rapporti statistiċi. Ma tista' tingħata l-ebda informazzjoni dwar ir-ritorni individwali lil xi entità pubblika jew privata esterna. L-NSO u l-attivitajiet tiegħu huma regolati mill-Att tal-2000 dwar l-Awtorità tal-Istatistika ta' Malta.

## L-IMPENN TAGĦNA LEJN IL-KLIJENTI

Livell ta' servizz li wieħed jistenna meta jikkuntattja jew iżur l-Uffiċċji tagħna:

- Aħna se nittrattawk b'rispett u b'mod professjonali.
- Aħna niggarantixxu l-kunfidenzjalità fuq kwalunkwe skambju ta' informazzjoni.
- L-istandards tas-servizzi tagħna huma konformi mad-Direttiva 4-2, Standards għas-Servizz ta' Eċċellenza offrut mill-Amministrazzjoni Pubblika lill-Pubbliku u l-Impjegati Pubbliċi.
- Il-lista tas-servizzi offruti tinsab fil-ħolqa li ġejja: *https://nso.gov.mt/mt/*

## X'GĦANDEK TISTENNA META TIKKUNTATTJANA

Nipprovdu informazzjoni speċifika, ċara, u ħielsa minn lingwaġġ tekniku. L-informazzjoni kollha tingħata kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. Aħna nimpenjaw ruħna li nwieġbu l-mistoqsija tiegħek fi żmien jum 1 tax-xogħol, jew skont il-perjodi ta' żmien stipulati fid-Direttiva 4-2.

### Meta tikkuntattjana bit-telefon

Nimpenjaw ruħna li nwieġbu mat-3 darba li jdoqq it-telefon, b'mod ċar u b'għarfien. L-uffiċjali ser jidentifikaw ruħhom u jittrattawk b'korteżija u rispett.

### Meta żżur l-Uffiċċji tagħna

L-uffiċċji tagħna joffru ambjent nadif u sigur; minħabba limitazzjonijiet ta' aċċessibbiltà fiżika fil-binja tal-Belt Valletta, persuni bi problemi ta' mobilità huma ġentilment avżati jikkuntattjaw l-uffiċċju minn qabel sabiex ikunu offruti għażliet oħra ta' servizz, bħal għajnuna online. Il-ħin ta' stennija se jkun ta' madwar 15-30 minuta f'ċirkustanzi normali.

### Meta tikkuntattjana permezz ta' ittra jew email

Se nibagħtu konferma fi żmien 1 jum tax-xogħol minn meta nirċievu l-ittra jew l-email tiegħek.

### Appuntamenti

Tweġibiet għal talbiet għal appuntamenti jiġu provduti fi żmien 1 jum tax-xogħol, bid-data tal-appuntament tkun fi żmien 5 ijiem tax-xogħol mid-data tat-talba. Madankollu, appuntamenti jistgħu jiddependu minn listi ta' stennija tad-Dipartiment u talbiet urġenti li jistgħu jingħataw prijorità.

## RESPONSABBILTAJIET TAL-KLIJENT

Il-klijenti huma mistennija li: Jipprovdu informazzjoni kompluta u korretta. Jittrattaw il-ħaddiema b'korteżija u rispett. Iżommu mal-ħinijiet u l-appuntamenti allokati meta applikabbli.

## AĦNA NIVVALUTAW IL-FEEDBACK TIEGĦEK

Jekk tixtieq tissottometti feedback, suġġerimenti, jew ilmenti ġentilment:

- Ikkuntattjana skont id-dettalji murija hawn: *nso@gov.mt*
- Permezz tas-servizz.gov billi ċċempel 153, jew online fuq *Issottometti ilment*

Il-kunfidenzjalità tiegħek tkun garantita. Tirċievi l-feedback tagħna fi żmien 3 ijiem tax-xogħol.

## KIF TIKKUNTATTJANA

- Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika, Lascaris, il-Belt Valletta, Malta
- Mit-Tnejn sal-Ġimgħa: 07:30-15:30; Sibtijiet, Ħdud u Festi Pubbliċi: Magħluqa
- *https://nso.gov.mt/mt/*
- Sabiex jiġi ffaċilitat il-kuntatt mal-uffiċċju: *nso@gov.mt*; *https://nso.gov.mt/contact-us/*; *https://nso.gov.mt/mt/accessibbilta/* - +356 2599 7101
- Permezz tal-midja soċjali: